MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 448/2010

**Frank Gollcher – ID452257-M**

**vs**

**EuroShops Limited – C33889**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab illi jigi dikjarat illi s-socjeta' konvenuta hi debitrici ta' l-attur fis-somma ta' elf seba' mija u tlett Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,703.28c) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilha. Illi ghalkemm dik is-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammont dovut, din baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija s-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex joghgbu jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lilha l-ammont ta' elf seba'

mija u tlett Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,703.28c) rapprezentanti bilanc fuq dritt ghal servizzi rezi lilha.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura flimkien ma' dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-29 ta' Marzu 2009, u dawk tat-8 ta' Frar 2010, u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet preliminarjament li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2149 tal-Kodici Civili. Subordinatament li l-ammont mitlub mhux dovut stante li kull ammont li seta' kien dovut gia thallas. Subordinatament illi l-ammont mitlub huwa ezagerat.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra s-sentenza preliminari li nghatat fit-18 ta' Marzu 2011 dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' din l-azzjoni, l-attur li jezercita l-professjoni ta' awditur, qed jitlob hlas minghand is-socjeta' attrici tas-somma ta'elf seba' mija u tlett Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,703.28c) rapprezentanti bilanc minn somma akbar bhala hlas ghal servizzi ta' *auditing* li hu pprovda lis-socjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet taghha. Illi l-istess attur gie inkarigat sabiex jipprovdi tali servizzi ta' *auditing* ghas-snin 2005, 2006 u 2007. Illi l-ammont li qed jintalab permezz ta' din l-azzjoni jirrizulta mir-rendikont li jinsab a fol. 27 tal-atti, filwaqt illi l-fatturi relattivi ghal ammont dovut kull sena rispettiva jinsabu a fol. 29 sa 31 tal-atti. Illi minn dawn il-fatturi jirrizulta illi d-drittijiet, ossia *fees*, reklamati mill-attur huma ta' erba' mija u hamsin Lira Maltin (Lm450), ekwivalenti ghal elf u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,048.22c), ghal kull sena.

Illi l-kontestazzjoni tas-socjeta' konvenuta tittratta dwar din ir-rata li l-attur qed japplika. Skond ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll ta' impjegati fi hdan is-socjeta' konvenuta, ir-rata kellha tkun ta' tlett mitt Lira Maltin (Lm300), ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenien centezmu (€698.81c), kull sena, u mhux dik indikata mill-attur fil-fatturi li bghatilhom. Illi l-istess rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta jikkontendu illi gialadraba fil-kotba gie pprovdut *accrual* fl-ammont ta' tlett mitt Lira Maltin (Lm300), ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenien centezmu (€698.81c) ghal kull sena ghad-drittijiet professjonali tal-awditur, allura ladarba dan l-ammont ma giex ikkontestat mill-attur, din ghandha tkun ir-rata applikabbli. Da parti tieghu, l-attur jikkontendi illi dan l-*accrual* kien provizorju, u l-ammont kellu jigi determinat ladarba jinbeda x-xoghol, u l-istess attur ikun jista' jwiezen ahjar kemm kien hemm xoghol involut, u b'hekk johrog b'rata finali.

Illi x-xhud Louis Farrugia, li huwa l-*accountant* impjegat mas-socjeta' konvenuta, u li avvicina, jew ahjar issuggerixxa, illi jigu impjegati s-servizzi tal-attur sabiex jaghmel ix-xoghol ta' *auditing* li kienet tehtieg is-socjeta' konvenuta, ddikjara illi r-rata li a bazi taghha gie stabbilit l-*accrual* ghall-fee tal-awditur kienet bir-rata ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm 25) fix-xahar, li ghalhekk tammonta ghal tlett mitt Lira Maltin (Lm300), ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenien centezmu (€698.81c) fis-sena. Jghid ukoll illi dan l-ammont ma kienx jinkludi u jkopri spejjez ohra relatati mat-thejjija tal-*audited accounts*, u li dawn l-ispejjez l-ohra kellhom jithallsu separatament.

Illi l-partijiet jidher illi qablu bejniethom illi ghalkemm l-attur gie mitlub sabiex iwettaq *audit* ghal tliet (3) snin, u cioe' ghas-snin 2005, 2006 u 2007, madanakollu, dawn l-*audits* gew imwettqa lkoll f'daqqa, u fil-fatt ghalkemm inhargu tliet (3) fatturi separati ghat-tliet (3) snin in kwistjoni, madanakollu, dawn il-fatturi lkoll ghandhom l-istess data, u cioe' Awissu 2007. Illi ghalhekk l-attur hareg il-kont tieghu meta gie finalizzat ix-xoghol kollu.

Ikkunsidra,

Illi mill-kopja tal-*letter of engagement*, li tinsab a fol. 23 tal-atti, jirrizulta illi r-rata li giet ikkwotata mill-attur kienet dik ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) ekwivalenti ghal elf u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,048.22c); madanakollu, jirrizulta wkoll illi dan id-dokument ma giex iffirmat mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta. Madanakollu, is-socjeta' konvenuta, permezz tal-eccezzjonijiet imressqa minnha, mhux qed tikkontesta illi s-servizzi ta' *auditing* ghas-snin relattivi gew fil-fatt rezi, izda qed tikkontendi biss illi ma fadal ebda bilanc dovut, ghaliex jekk wiehed japplika r-rata ta' tlett mitt Lira Maltin (Lm300), ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenien centezmu (€698.81c) ghal kull sena, u mhux erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) ekwivalenti ghal elf u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,048.22c) kif qed jitlob l-attur, allura d-debitu dovut mis-socjeta' konvenuta lill-attur ghas-servizzi rezi minnu, gie saldat fl-intier tieghu.

Illi mill-iskambju ta' korrispondenza, ossia e-mails, li ghaddiet bejn l-attur u r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta jirrizulta illi kien hemm malintiz bejn il-partijiet dwar liema rata kienet applikabbli ghax-xoghol imwettaq mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, u l-partijiet ipprovaw jirrizolvu din il-pendenza billi jaslu ghal xi forma ta' kompromess, izda dan minghajr ezitu pozittiv. Illi ghalhekk, l-element determinanti, u li jehtieg li jigi stabbilit f'din l-azzjoni, huwa liema miz-zewg rati msemmija, u cioe' tlett mitt Lira Maltin (Lm300), ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenien centezmu (€698.81c) u erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) ekwivalenti ghal elf u tmienja u erbghin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,048.22), hija applikabbli.

Illi jkun opportun illi jigi rilevat illi ghalkemm ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ma ffirmax il-*letter of engagement* imhejjija mill-attur, madanakollu, fl-ebda waqt tul dawn il-procduri, ix-xhieda mressqa mis-socjeta' konvenuta kkontestaw li din l-ittra kienet fil-fatt intbaghtet lis-socjeta' konvenuta, u / jew illi ma kienux jafu biha. Illi

ghalhekk is-socjeta' konvenuta hija meqjusa li kienet edotta mir-rati li kien ser japplika l-attur ghas-servizzi rezi minnu.
Illi l-fatt illi l-accountant impjegat mas-socjeta' konvenuta kien ipprovda *accrual* fil-kotba tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' tlett mitt Lira Maltin (Lm300), ekwivalenti ghal sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenien centezmu (€698.81c) fis-sena ghal dawn id-drittijiet professjonali, ma jfissirx illi necessarjament l-awditur, f'dan il-kaz l-attur, huwa marbut b'tali rata, partikolarment ladarba ma rrizultax illi kien hemm xi accettazzjoni mill-attur f'dan ir-rigward. Lanqas il-fatt illi l-attur stess – permezz tal-korrispondenza, ossia e-mails, skambjata bejn il-partijiet – offra li d-differenza fl-ammont ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150), ekkwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41c) ghal kull sena, tinqasam bejniethom, m'ghandu jkun meqjus li huwa marbut b'tali offerta, ghaliex fl-istess e-mail iddikjara illi kien qed jaghmel tali offerta minghajr pregudizzju ghad-dritt tieghu li jitlob hlas tal-ammont intier f'kaz illi ma jintlahaqx kompromess bejn l-istess partijiet.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Gaetano Abdilla vs Dottor Joseph Cassar** (Qorti tal-Appell – 17 ta' Marzu 1967), ghalkemm din l-azzjoni kienet tittratta dwar drittijiet professjonali ta' Avukat, u mhux awditur, gie ritenut illi: "... cirka l-onorarju ... ghall-prestazzjonijiet professjonali *non contemplate da alcuna tariffa si deve stare all' apprezzamento dell' opera ch' egli fa', salvo che risulti all' evidenza e quasi prima facie, che tale apprezzamento e' esagerato.* (Kollezz. XX, ii, 267) U kull darba li dawn id-drittijiet jigu reklamati *sia necessario liquidarli tenuto sempre conto della rispettabilita' della professione..."*.

Illi applikat dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, u ladarba s-socjeta' konvenuta (i) mhux qed tilmenta li x-xoghol li kellu jigi mwettaq mill-attur ma sarx sew, u / jew ma giex kompletat, u (ii) ma gabitx a konjizzjoni ta' dan it-Tribunal xi tariffi ufficjali applikabbli ghat-tip ta' xoghol, ossia servizz, li gie rez mill-attur, allura jsegwi illi ladarba tali tariffa giet indikata *ab initio* mill-istess attur fil-*letter of*

*engagement* tieghu indirizzata lis-socjeta' konvenuta, qabel ma beda jrendi s-servizz relattiv, u din it-tariffa ma gietx ikkontestata mis-socjeta' konvenuta li kienet hi stess li ingaggjat is-servizzi tieghu, allura tali rata qed tigi meqjusa li giet accettata mis-socjeta' konvenuta, u dan minkejja l-fatt illi ma ffirmatx il-*letter of engagement* relattiva. Illi ai fine dei conti, ix-xoghol li l-attur gie inkarigat li jaghmel sar, b'mod tempestiv, u a sodisfazzjon tas-socjeta' konvenuta. Illi ghalhekk ma jirrizultawx gustifikati l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess socjeta' konvenuta; fl-assenza ta' ftehim bil-miktub bejn il-partijiet dwar it-tariffa li s-socjeta' konvenuta qed tikkontendi li hija dik applikabbli, u accettata mill-attur, it-Tribunal ser jistrieh fuq dik ir-rata rizultanti mil-*letter of engagement* li kopja taghha tinsab in atti.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba tal-attur, u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf seba' mija u tliet Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,703.28c), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez, inkluz dawk rrelattivi ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, jkunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------